MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Mandat Numru. 835/2013/1

**Carmelo Abdilla & Sons Ltd**

**vs**

**Alfred Schembri & Sons Ltd**

## Il-Qorti

Rat it-talba tas-socjeta rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni tal-4 ta' Gunju 2013 kontra s-socjeta intimata ghal kreditu pretiz ta' €239,894.07 inkluz l-imghax sal-31 ta' Mejju 2013 liema mandat gie milqugh provvizorjament fl-istess jum;

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata li opponiet ghall-hrug tal-mandat billi l-proprjeta mertu ta' din il-pretensjoni hi kolpita bi freezing order mill-Qorti tal-Mgistrati Sede Kriminali, u ghalhekk l-assi tal-kumpanija huma 'protetti' favur kredituri u fit-tieni lok l-istess Qorti Kriminali tat permess li l-proprjeta tinbiegh skond konvenju tas-27 ta'

Ottubru 2012 u bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija, bl-obbligu li r-rikavat tal-bejgh jigi depozitat f’kont bankarju u jibqa’ soggett ghal freezing order sad-decizjoni finali fil-kawza kriminali li qed issir kontra d-diretturi tal-kumpanija intimata. Jekk jigi sfrattat il-bejgh tintilef opportunita ta’ likwidazzjoni benefika tal-assi tal-kumpanija a skapitu tal-istess kreditur.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Ma hemmx dubju illi r-rikorrenti ghandhom dritt prima facie ippruvat ghal kreditu minnhom pretiz.

Il-binarju li donnu sahqu fuqu l-partijiet hu jekk is-socjeta rikorrenti ma tkunx qed issofri pregudizju irrimedjabbli jekk il-mandat jigi michud. Jidher li l-uniku assi ta’ relevanza hi l-proprjeta kolpita b’dan il-mandat milqugh provvizorjament. Jidher ukoll illi gia jezisti kredituri ohra tal-istess kumpanija. Gie verbalizzat fis-seduta tas-26 ta’ Gunju 2013 illi s-socjeta intimata tammetti d-debitu reklamat mis-socjeta rikorrenti. Ir-rikorrenti jishqu li ma

hemm ebda certezza fil-konvenju, cioe jekk ghadux in vigore, jekk il-kuntratt jistax isehh, jekk il-prezz hux wiehed vantazzjuz jew le.

Il-Qorti pero tqis li hemm impediment legali ghaliex ma jistax jintlaqa' dan il-mandat. L-artikolu 5 tal-Kap. 373 cioe l-Att dwar il-prevenzjoni tal-hasil ta' flus jaghti d-dritt lill-Qorti Kriminali li taghmel ordni fejn akkuzat jigi projbit milli b'xi mod jitrasferixxi jew jiddisponi mill-proprjeta mobbli jew immobbli tieghu pendenti l-proceduri. Hu pacifiku li dan l-ordni inhareg fil-konfront tas-socjeta konvenuta jew id-diretturi taghha in rapprezentanza tal-istess. L-istess Qorti Kriminali b'din l-ordni assumiet il-pussess legali tal-istess proprjeta. Tali ordni ta' iffrizar torbot erga omnes sad-data li fiha jintemmu l-proceduri u ghalhekk hi biss l-istess Qorti Kriminali li tista' tordna mod iehor. Fost il-poter afdati lil Qorti Kriminali hi ghandha l-jedd li tvarja tali ordni ghal ragunijiet partikolari u fost dawn tista' tawtorizza t-trasferiment ta' mobbli jew immobbli tal-akkuzat ghal ragunijiet tajba.

Jidher li l-Qorti Kriminali bil-poteri fdati lilha awtorizzat li dan isehh kif ghandha d-dritt u l-jedd li taghmel u hi biss li tista tvarjah skond l-artikolu 5.

Ir-rikorrenti f'din it-talba qed jitlob lil Qorti tinnewtralizza dak li ordnat il-Qorti Kriminali bil-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Din il-Qorti tqis li ma ghandhiex dak il-poter moghti bil-ligi li tvarja, thassar jew tirrevoka jew b 'xi mod tinnewtralizza ordni tal-Qorti Kriminali vestita bil-poter specifiku moghti bil-ligi skond il-Kap. 373 senjatament bi 'freezing order'.

Il-preokkupazzjoni tar-rikorrenti f'dawn ic-cirkostanzi ghandhom jigu indirizzati quddiem il-Qorti li harget l-ordni u li giet vestita bil-poter, darba li nhareg il-freezing order, li tirregola x'ghandu jsir mill-proprjeta tal-akkuzat dment li ghaddejjin il-proceduri kriminali. Maghdud dan, l-iskop ahhari ta' freezing order hu l-protezzjoni tal-propjeta tal-akkuzat li ma tigix dissipata a skapitu u bi pregudizzju ta' min ghandu interess inkluz kredituri tal-istess akkuzat.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi ghar-ragunijiet imsemmija aktar il-fuq billi tichad it-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u tirrevoka d-drigriet taghha tal-4 ta' Gunju 2013 fejn laqghet provvizorjament il-hrug tal-mandat. Bl-ispejjez ghar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------